# 58. Il-Bejta

Darba kien hemm għammiel li għamel bejta
f'toqba fil-ġenb tas-sur, bejta ferħana,
u mal-għammiela kien igħożż dil-bejta
aktar minn ġabra deheb u ġid u għana;

Għax kien igħid l-għammiel fil-għanja tiegħu
"fid-dinja żgur m'hawn xejn isbaħ mid-dar,
bl-imħabba safja bejnek u bejn martek,
bil-ġiri u bil-għajjat tat-tfal iż-żgħar!"

'Mma darba kien hemm tifel li fettillu
li jaqbad dik il-bejta ġo kopp kbir,
u tefa' l-ġebel fuq it-toqba u għajjat
biex kulħadd jonfor u mill-bejta jtir

Irnexxa lill-għammiel u t-tlitt uliedu
jaħirbu minn ġol-kopp, iżda meħula
baqgħet l-għammiela, u ġewwa l-qafas ikreh
imdendel fuq is-saqaf sfat maqfula.

Il-għammiel telaq minn ġol-bejta vojta,
u qribha iżjed qatt u qatt ma mar,
kif għamilt jien meta metitli marti;
x'jiswa fuklar battal mingħajr in-nar?

U qagħad jiġġerra 'l hawn u 'l hemm waħdieni,
u serħ u kwiet ma seta' jsib imkien,
għax qalbu vojta, sew bħal wied bla ilma,
bħal kor bla kant, bħal forn mingħajr nirien.

U meta fit-tixniq ta' mħabba kbira
hu resaq lejn il-qafas biex jistabar,
il-qasab żammu 'l bgħid minn wiċċ ħanintu,
sew sew kif lili jżomm l-irħam tal-qabar.